DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 1171** **15. 06. 2011**

**DISKORS MILL-ONOR. JOE CASSAR, MINISTRU GĦAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ, WAQT RIĊEVIMENT TA' RIKONOXXIMENT FIL-JUM DINJI DEDIKAT LID-DONATURI TAD-DEMM - G'MANĠA - IT-TLIETA 14 TA' ĠUNJU 2011**

Merħba lill-E.T il-President George Abela u grazzi li aċċetta l-istedina, fil-Jum Dinji dedikat lid-donaturi tad-demm li jiġi ċċelbrat kull 14 ta' Ġunju madwar id-dinja kollha.

Id-domanda għad-demm hi kbira, partikolarment min-nies morda b'mard kroniku u mard li jista' jkun terminali bħall-kanċer li sfortunatament jolqot numru sostanzjali ta' tfal.

It-trasfuzzjoni tad-demm f'dawn il-pazjenti hi parti integrali għall-possibbiltà tal-fejqan tagħhom.

It-trasfuzzjoni tad-demm hi essenzjali ukoll għal operazzjonijiet, kif ukoll biex tkopri l-bżonn li jinħoloq meta jsir xi inċident gravi fuq il-post tax-xogħol jew fit-toroq tagħna

Biex jingħata eżempju lill-ħaddiema, partikolarment lill-ħaddiema tas-settur pubbliku s-seġretarjat tal-Ministeru tiegħi fl-20 ta' April organizza ġurnata għoti tad-demm fejn ħajjar u ġab l-impjegati minn ministeri oħra jagħtu d-demm.

Din l-attività kienet suċċess u l-Ministeru tiegħi qed iħares 'il quddiem biex jibqa' jorganizza din l-attività kull sena.

Hemm ukoll il-pjan li din l-attività tirrepeti ruħha fiċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm t'Għawdex għall-impjegati tal-Ministeru għal Għawdex.

L-għoti tad-demm isir mingħajr ħlas, u xi ftit jew wisq iġib miegħu sagrifiċċju u impenn – illum xieraq li nuri l-apprezzament tiegħi u tal-poplu kollu għal din il-ġenerożità fejjieda.

Illum nixtieq inħabbar li bħala ġest żgħir lid-donaturi li ser jagħtu d-demm fil-futur, min irid se jibda jingħata l-vaċċin tal-influwenza staġjonali b'xejn fl-istaġun.

**Attachments: None** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt